15 ta' Frar, 1957

Imħallfin:—
Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Carmela Busuttil *versus* George Micallef

## Danni — Preskrizzjoni — Art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili

*Persuna li sofriet leżjonijiet personali mħabba l-għemil ta' ħadd ieħor għandha d-dritt li tagħixxi għad-danni kontra d-danneġġjant avvolja tkun għadha ma ħallsetx l-ispejjeż kollha li kellha tagħmel minħabba dawk il-leżjonijiet; u għalhekk id-danneġġjant, konvenut biex iħallas dawk l-ispejjeż, ma jistgħax jopponi ruħu għal xi uħud mill-partiti ta' dawk l-ispejjeż fuq il-motiv li dawk il-partiti għadhom mhumiex*

*imħallsa. Għax quddiem il-kredituri d-danneġġjat jibqa' dejjem responsabbli għall-ħlas tagħhom; u mhix aċċettabbli l-ipotesi li d-danneġġjant li aġixxa għall-ispejjeż joqgħod jistenna sakemm effettivament iħallas dawk il-partiti li għadu ma ħallasx, u mbgħad jagħmel kawża oħra.*

*Lanqas ma hija ammissibbli t-talba tad-danneġġjant biex jiġi awtorizzat li jittratta huwa stess mal-kredituri tad-danneġġjat dwar dawk l-ispejjeż, fuq ir-rifless li huwa jkun jista' talvolta jopponi l-preskrizzjoni lil dawk il-kredituri jekk il-ħlas tal-ispejjeż lilhom dovut jiġi affidat lilu; għax il-preskrizzjoni hija anki kwistjoni ta' kuxjenza individwali, tant li hemm ir-rimedju tal-ġurament, u mhux sewwa li d-danneġġjat jitqiegħed fil-pożizzjoni li qiesu jirripudja, talvolta kontra l-kuxjenza tiegħu, sija pure per mezz tad-danneġġjant, debitu li hu koxjenzjożament irid iħallas.*

*Il-liġi ma tagħtix indenniz għall-inkapaċità "ut sic", imma għall-inkapaċità in kwantu din tirrifletti telf ta' qliegħ. Jekk il-persuna inkapaċitata ma kienetx tagħmel xogħol ta' qliegħ, imma kienet biss takkudixxi għall-faċċendi tad-dar li minħabba l-inkapaċità ma tistax tkompli taqdi mingħajr l-assistenza ta' ħadd ieħor, l-ispejjeż li hija tagħmel biex tipprokura dik l-assistenza jirrappreżentaw telf ta' qliegħ, u għalhekk huma rimborżabbli lilha mid-danneġġjant.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi fil-11 ta' Frar 1953 il-konvenut, bi traskuraġni u bi ħtija tiegħu, kien daħal fuq l-attriċi bil-karrozza li kien qiegħed isuq, u kkaġunalha sfreġi u debilitazzjoni permanenti f'idejha u riġlejha, u b'hekk sofriet danni konsiderevoli; u billi b'konsegwenza ta' dan, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, l-attriċi baqgħet permanentement immankata, oltre li qatt ma tiġi f'saħħitha bħal qabel; talbet li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għad-danni fuq imsemmija, li l-attriċi sofriet u għadha sal-lum issofri, billi l-konvenut kien daħal fuqha bil-karrozza tiegħu, u li dawn id-danni jiġu likwidati, anki per mezz ta' periti nominandi, u li konsegwentement il-konvenut jiġi

kundannat iħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata. Bl-interessi, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ottubru 1956, li biha laqgħet it-talbiet tal-attriċi, u kkundannat lill-konvenut iħallsilha, bħala danni, is-somma ta' £201. 3. 4, bl-imgħax legali mill-jum tas-sentenza, u bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-perit, fl-imsemmija relazzjoni, wasal għall-konklużjoni (a) li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni reklamati fiċ-ċitazzjoni, (b) illi dawn id-danni ġew minnu likwidati fis-somma ta' £210.3.4, kwantu għal £81.3.4 għal spejjeż ta' telf effettiv li nkorriet l-attriċi, u għal £120 għal danni kaġunati minħabba l-inkapaċità parzjali permanenti sofferta mill-istess attriċi;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa r-riżultanzi proċesswali, tħoss li għandha tadotta r-raġunamenti tal-perit u l-konklużjonijiet minnu raġġunti. Xejn ma jiswa li l-attriċi għadha ma ħallsitx l-ispejjeż kollha minnha nkorsi minħabba l-offiżi fuq riportati, għaliex quddiem il-kredituri hija tibqa' dejjem responsabbli għall-ħlas tagħhom;

Rat il-petizzjoni tal-appell tal-konvenut, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi jiġi ridott sostanzjalment il-kumpens ta' £120 fissat għad-debilitazzjoni parzjali tal-attriċi, u billi jiġi dikjarat li l-konvenut ma għandux iħallas is-somma ta' £75.5.4 bħala spejjeż tal-isptar. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Is-sentenza, li minnha sar appell, akkordat żewġ sommom lill-attriċi:— (a) Dik ta' £81.3.4 għat-telf effettiv; (b) dik ta' £120 għal danni minħabba l-inkapaċità parzjali permanenti sofferta mill-attriċi;

Il-konvenut mhux qed jikkontesta r-responssabbiltà tiegħu għall-leżjoni nferta lill-attriċi, imma (a) kwantu għall-ewwel somma ssottometta li din mhix dovuta, u jekk hi dovuta talab li jiġi awtorizzat li jittratta hu stess il-kwistjoni mal-Awtoritajiet Sanitarji minflok iħallas lill-attriċi, (b) u kwantu għat-tieni somma ssottometta li hi eżaġerata;

Ikkunsidrat, kwantu għall-gravam dedott relattivament għall-ewwel somma;

Kwantu għall-ammont ta' £51.15.4, dan tħallas mill-konvenut direttament lill-Gvern "pendente lite" (ara nota fol. 62). Kwantu għall-ammont ta' £5.10.0, għalkemm il-Gvern għadu ma ppreżenta ebda kont sa issa, dan jista' jfisser biss li għad ma wasalx iż-żmien li jiġi mibgħut dak il-kont, imma ma jeskludix li eventwalment il-kont jiġi mibgħut lill-attriċi u li jkun bl-istess rata li biha ġie kalkulat il-kont tas-somma l-oħra. Hu veru li, meta ġie mibgħut l-ewwel kont lill-attriċi, ċjoè fit-30 ta' Ġunju 1954 (ara data msemmija fil-bidu tal-kontenut tad-dokument fol. 38), id-debitu tal-ħdax il-ġurnata deġenza fl-isptar, mid-19 sat-30 ta' Ottubru 1953, kien ġa nkors, imma dan ma jfisser xejn, għax fil-kont spedit fit-30 ta' Ġunju 1954 kien jingħad li l-ammont ta' £51.15.4 kien mill-11 ta' Frar sal-24 ta' Mejju 1953. Mhux aċċettabbli li l-attriċi toqgħod tistenna sakemm effettivament tħallas, u mbgħad tagħmel kawża oħra;

Il-konvenut qal fil-petizzjoni li talvolta hu jkun jista' jopponi l-preskrizzjoni lill-Gvern, jekk il-ħlas jiġi fdat lilu. Dan l-argument mhux aċċettabbli, għaliex il-preskrizzjoni hi anki kwistjoni ta' kuxjenza individwali, tant li hemm ir-rimedju tal-ġurament, u ma hux sewwa li l-attriċi titqiegħed fil-pożizzjoni li qiesha tirripudja, talvolta kontra il-kuxjenza tagħha, sija pure permezz tal-konvenut, debitu li hi koxjenzjożament trid tħallas;

Għalhekk dan l-ewwel gravam hu bla bażi:

Ikkunsidrat, kwantu għall-gravam dedott relattivament għat-tieni somma;

Il-konvenut appellant talab riduzzjoni;

Iżda hemm punt li, qabel xejn jeħtieġ li jiġi affrontat mill-Qorti;

L-art. 1088, Kap. 23, li hu rilevanti għal dan l-każ, ma jagħtix dritt ta' indennizz għall-inkapaċità "ut sic", imma għall-inkapaċtà in kwantu din tirrifletti telf ta' qliegħ. Infatti, fil-parti finali tal-ewwel subartikolu ta' dak l-artikolu, hemm kompriż fost il-ħsara riżarċibbli "it-telf ta' qliegħ li tbati l-quddiem, minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib". Mbgħad, fit-tieni subartikolu jingħad:— "Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita......";

Taħt il-Liġi Ingliża jingħataw bħala danni sommom għall-"pain and suffering", jew "lacerated feelings". Hemm infatti, fit-terminoloġija ngliża "in subjecta materia" il-kelma speċjali "solatium", ċjoè somma mogħtija b'titolu ta' konsolazzjoni (ara, "passim", Kemp & Kemp, "The Quantum of Damages");

Taħt il-Liġi Taljana, allavolja ma hemm ebda dispożizzjoni limitattiva bħal ma hemm fil-Kodiċi Malti (art. 1088), u d-danni huma regolati sempliċement in bażi biss għall-art. 1151 tal-Kodiċi Taljan, li hu ġeneriku bħall-art. 1074 tal-Kodiċi Malti, ma jidherx li jingħataw danni għal dak li jissejjaħ, fis-sentenzi tal-Qrati Taljani, "patema d'animo", jew "sofferenze morali", ammenokkè dawn ma jkunux iġibu menomazzjoni tal-attività fiżika fil-persuna b'mod li jġibu b'hekk telf patrimonjali. F'dan is-sens, almenu, jidhru li huma l-maġġuranza tas-sentenzi (Fadda, comm. art. 1151);

Issa, peress li l-attriċi ma kienetx tagħmel ebda xogħol ta' qliegħ, imma takkudixxi biss għall-faċendi tad-dar, u peress li għandha 64 sena, u tgħix bil-pensjoni governattiva akkordata lix-xjuħ, jista' jiġi dubitat jekk tistgħax tiġi lilha mogħtija xi somma taħt din id-dispożizzjoni;

Wara li rriflettiet fuq dan il-punt, din il-Qorti hi ta' fehma li l-qliegħ tal-attriċi hu rappreżentat b'dak li tirċievi minn għand il-Gvern, u għalhekk, jekk dan il-qliegħ jiġi mnaqqas minħabba xi spejjeż li jkollha tagħmel l-attriċi in konsegwenza tal-infortunju, dak hu telf ta' qliegħ;

Issa, hu fatt riżultat mill-provi li l-attriċi ma tistgħax tagħmel ħlief xogħol ħafif; ma tistgħax, "inter alia", tagħmel ħasil tal-art u ħasil tal-ħwejjeġ. Fejn toqgħod hi, għandha allokati għaliha kamra tas-sodda, kċina u kamra tal-banju. Tikkoabita ma' ommha, mara ta' 84 sena, u ma' oħtha (Silvia Moncada). Ommha tkun spiss fis-sodda, u ddur biha jew tifla oħra miżżewġa jew il-ġirien, għax din Moncada hi nurse, u tkun barra fuq ix-xogħol. Għalhekk l-attriċi tirrikjedi mara li tiġi tagħmlilha l-faċendi tqal li ma tistgħax tagħmel hija, bħal ma hu l-ħasil tal-art, ħasil tal-ħwejjeġ, etċ. almenu darbtejn fix-xahar, b'rata ta' ħlas li l-Qorti tikkalkola ta' tmien xelini kulljum, b'kollox sittax il-xelin fix-xahar, ossija £9.12.0 fis-sena. Issa, peress li l-attriċi għandha 64 sena, meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-"expectation of life", l-iżborż ta' dik is-somma għandu jiġi, pjù o meno, kalkulat għal għaxar snin oħra — b'kollox £96. Il-qliegħ tal-attriċi jista' wkoll jiġi mnaqqas minħabba li hija baqgħet assoġġettata għall-attakki ta' ersipela fis-sieq ix-xellugija. Anki jekk wieħed jikkalkula għall-ispejjeż ta' kura ta' dawk l-attakki rikorrenti, bejn tabib, mediċinali u xi assistenzi,£3 kull darba li jiġi l-attakk, peress li mill-aċċident l-hawn l-attriċi kellha mill-anqas erbgħa attakki (ara xhieda tal-Professur Zahra Newmann, fol. 15, u xhieda tal-attriċi fol. 49), hu żgur li fi żmien għaxar snin tal-"expectation of life" l-attriċi sejra tonfoq, u kwindi tnaqqas mill-qliegħ tagħha, somma, minħabba dawk l-attakki, li flimkien mas-somma l-oħra fuq imsemmija ta' £96 taqbeż is-somma ta' £120 likwidata favur tagħha minħabba l-inkapaċità li sofriet;

Għalhekk dina l-Qorti ma ssibx x'tikkritika fis-somma likwidata globali ta' £201.3.4;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant; salva r-rinunzja għall-effetti tas-sentenza appellata kwantu għas-somma ta' £51.15.4 magħmula bin-nota tal-attriċi appellata, fol. 62.